**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum il-Hamis 15 ta` Dicembru 2016**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 266/16 JZM**

**Louis u Vivienne mizzewgin Scicluna**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-<u>1 ta` April 2016</u> li jaqra hekk :–

*Premess illi fid-19 ta` Awwissu 2011 is-socjeta` Vivienne Limited giet imhassra mir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-Art. 325 tal-Att dwar il-*

*Kumpanniji (Kap 386) (dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokument "A") ;*

*U billi l-esponenti saret taf b`dan ricentement u ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386, ghadhom ma ghaddewx hames snin minn meta din is-socjeta` thassret fuq l-imsemmi registru ;*

*U billi kif ser jirrizulta l-istralc tas-socjeta Vivienne Limited saret erronjament da parti tar-Registratur tal-Kumpanniji, u fi kwalsiasi kaz l-esponenti ghandhom interess li s-socjeta` tibqa ezistenti ;*

*U billi s-socjeta` Vivienne Limited hija parti f`diversi kawzi li jinvolvu r-rikorrenti, fosthom :-*

***Joecar Limited (C16195) u Vivienne Limited (C16197) vs Bank of Valletta plc (C2833) – Rik. Nru 560/2010 ;***

***Bank of Valletta plc (C2833) vs 1. Joecar Limited (C16195) 2. Vivienne Limited (C16197) u 3. Louis u Vivienne mizzewgin Scicluna [K.I 663257M] u [262174M] – Rik. Nru 66/2012 ;***

***Louis u Vivienne mizzewgin Scicluna vs Bank of Valletta plc. Joecar Limited u Vivienne Limited – Rik. Nru.1138/2010.***

*U billi l-mertu ta` dawn il-kawzi hija essenzjalment it-titolu u d-drittijiet ta` proprjeta` f`liema proprjeta` jirrisjedu Louis u Vivienne mizzewgin Scicluna. Partikolarment fir-rikors nru 560/2010 qieghed jigi allegat li l-proprjeta` ghadu tas-socjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited.*

*U billi inoltre jidher li l-istralc tal-kumpannija saret erronjament u dana billi skont l-Avviz ippubblikat fit-3 ta` Gunju 2011 ("OBJECTIONS TO DEFUNCT") ir-Registratur tal-Kumpanniji kien iddikjara :*

*With reference to the notice that was published in The Times on the 16th May 2011 regarding the striking off the register … it is hereby notified that* ***the name of the under-mentioned company shall not be struck off the register at the expiration of said three months … Vivienne Limited C16197*** *(kopja ta` dan l-avviz huwa hawn esebit u mmarkat "B")*

*U billi minkejja li r-Registratur tal-Kumpanniji kien impenja ruhu sabiex ma jnehhix is-socjeta` Vivienne Limited mir-registru tal-kumpanniji, fis-26 ta` Awwissu 2011 ir-Registru tal-Kumpanniji hareg avviz fejn iddikjara li s-socjeta` Vivienne Ltd kienet giet struck off nhar id-19 ta` Awwissu 2011.*

*U billi ghalhekk dan huwa zball evidenti in kwantu r-Registratur kien gja` ddikjara li ma kienx ser isir l-istralc ghaliex ircieva oggezzjonijiet ghal dan.*

*U billi r-rikorrenti fil-fatt ghandhom interess li s-socjeta` Vivienne Limited ma tibqax stralcjata anke minhabba l-kawzi pendenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Joghgobha tordna illi isem is-socjeta` Vivienne Limited (C16197) jerga jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-Artikolu 325(4) tal-Kap.386 bil-konsegwenzi kontemplati mill-imsemmi artikolu fosthom illi mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti, lir-Registratur tal-Kumpanniji ta` kopja ufficjali tal-ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni il-kumpannija Vivienne Limited ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar ; u*

*2. Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija Vivienne Limited titqieghed fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar ; u*

*3. Tordna li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikata jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fl-4 ta\` Mejju 2016 li taqra :–

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta\` dina l-Onorabbli Qorti ;*

*Illi l-pubblikazzjoni, illi s-socjeta\` Vivienne Ltd (C16197) giet ikkancellata mir-Registru tal-Kumpanniji, saret fis-26 ta\` Awwissu 2011. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghadhom fiz-zmien tal-hames snin illi jezercitaw id-drittijiet taghhom ai termini tas-subartikolu 4 tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji sabiex is-socjeta\` in kwistjoni terga titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet ;*

*Illi mid-data tar-registrazzjoni taghha, specifikament fis-27 ta\` April 1994, tali socjeta\` mill-bidu naqset mill-obbligi legali taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tad-dispozzizzjonijiet tal-istess Att. In piu\` evidenza ta\` dan huwa l-fatt illi sakemm damet fuq ir-registru s-socjeta\` in kwsitjoni qatt ma baghtet kontijiet u prospetti annwali kif mitlub mil-ligi u dan wassal biex ir-Registratur tas-Socjetajiet hass li ghandu jibda l-process tad-defunct ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*Illi minghajr ma nidhlu fil-mertu ta\` kelliex issir pubblikazzjoni ta\` kancellament jew le, jibqa\` l-fatt li d-diretturi tal-kumpannija baqghu qatt ma rregolaw il-pozizzjoni tas-socjeta\` mal-obbligi legali taghha taht l-Att dwar il-Kumpanniji u kwindi l-elementi tal-Artikolu 325 al-imsemmi Att kienu jezistu*

*Illi l-kawzi pendenti msemmija fir-rikors promotur gew registrati mar-Registratur tal-Qrati wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-kancellament tas-socjeta\` in kwistjoni. Wiehed jinnota illi tnejn mit-tliet kawzi pendenti gew registrati tliet snin wara. Dan juri nuqqas kbir ta\` interess ta\` x\`kien sar jew x\`kien qed jigri mis-socjeta\` imsemmija u evidenza ta\` kemm ir-Registratur tas-Socjetajiet kien qed jigi njorat ghaliex b\`semplici ricerka fil-website tar-registru tas-socjetajiet qabel infethu l-kawzi kien ikun jidher illi l-istatus tas-socjeta\` in kwistjoni kienet ta\` struck off as defunct ;*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom biex l-isem tal-kumpannija jerga jitqieghed fuq ir-registru ai termini tas-*

*subartikolu 4 tal-Artikolu 325 tal-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista` jinghata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan.*

*Salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanza partikolari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Lulju 2016.

Rat ix-xiehda bl-affidavit taz-zewg rikorrenti.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta r-Registratur Qrati Civili u Tribunali fit-3 ta` Novembru 2016.

Rat id-dokumenti li pprezentat taht gurament Av. Claudette Fenech, rapprezentant tal-intimat, fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2016.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II. <u>L-M. & A. ta` Vivienne Limited</u>**

L-intimat pprezenta bhala prova l-memorandum u l-articles of association ("**<u>M. & A</u>**.") ta` Vivienne Limited.

Vivienne Limited kienet registrata fis-27 ta` April 1994 bin-Nru C 16197.

L-issued share capital huwa kompost minn 1000 sehem : 500 huma Ordinary A shares maqsuma in kwantu ghal 250 fl-isem ta` Joseph Pace u 250 fl-isem ta` Carmen Pace ; waqt li 9500 huma Ordinary B shares fl-isem tar-rikorrenti Vivienne Scicluna.

L-ewwel diretturi tas-socjeta` kienu t-tliet azzjonisti stess.

Fit-28 ta` Ottubru 2010, Vivienne Scicluna irrizenjat minn direttur.

## III. Il-kondotta tas-socjeta`

Skont l-intimat, inghata bidu ghall-procedura ta` thassir tas-socjeta` skont l-Art 325 tal-Kap 386 ghaliex :-

*… mid-data tar-registrazzjoni taghha, specifikament fis-27 ta` April 1994, tali socjeta` mill-bidu naqset mill-obbligi legali taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tad-dispozzizzjonijiet tal-istess Att. In piu` evidenza ta` dan huwa l-fatt illi sakemm damet fuq ir-registru s-socjeta` in kwsitjoni qatt ma baghtet kontijiet u prospetti annwali kif mitlub mil-ligi u dan wassal biex ir-Registratur tas-Socjetajiet hass li ghandu jibda l-process tad-defunct ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji …*

## IV. L-Art 325(1) tal-Kap 386

Id-disposizzjoni taqra hekk :

*Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibgħat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

Mill-atti Dok CF2 li pprezenta l-intimat, jirrizulta li fil-25 ta` Marzu 2011, l-intimat baghat ittra lid-diretturi ta` Vivienne Ltd li *inter alia* tghid :-

*In terms of subsection (1) of section 325 of the Companies Act you are requested to inform us whether or not the company is still carrying on business or is still in operation.*

*Unless we receive confirmation in writing that the Company is carrying on business or is in operation within one month from the date of this letter, we shall continue with the procedure which may lead to the company`s name being struck off the Register in terms of law.*

L-ittra ntbaghtet fl-indirizz 37/1, Tigne Seafront, Sliema, li skont l-istatut tas-socjeta` huwa l-indirizz registrat taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## V. <u>L-Art 325(2) tal-Kap 386</u>

Id-disposizzjoni taqra hekk :

*Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra, dan jista' jibgħat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpannija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attiv tal-kumpannija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li Vivienne Limited ma wiegbet bl-ebda mod ghall-ittra tal-25 ta` Marzu 2011.

Ghalhekk l-intimat – skont is-subartikolu (2) – ippubblika l-avviz (ara l-kopja tal-harga ta` The Times tas-16 ta` Mejju 2011 inserit fid-Dok CF2.

Irrizulta li kreditur i.e. Bank of Valletta plc irregistra mal-intimat l-interess tieghu sabiex l-isem ta` Vivienne Limited ma jithassarx (ara t-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-ahhar mill-avukat tal-intimat).

Minhabba zball – accettat u ammess – mill-intimat – it-thassir sar xorta wara li ghaddew it-tliet xhur indikati fis-subartikolu (2) [ara Dok A].

Accertat l-izball l-intimat hareg avviz iehor fejn iddikjara li l-isem ma kienx ser jibqa` mhassar (ara Dok CF2).

Ghal xi raguni pero` l-isem baqa` mhassar.

Dak skatta l-azzjoni da parti tar-rikorrenti skont l-Art 325(4) tal-Kap 386.

## VI. L-Art 325(4) tal-Kap 386

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpannija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

## VII. <u>Ix-xiehda ta` Vivienne Scicluna</u>

Tghid illi tikri d-dar ta` abitazzjoni taghha u ta` zewgha r-rikorrent l-iehor Fawwara Bldgs, Flat 6, Triq Guzi Fava, Sliema, minghand is-socjeta` Vivienne Limited, li ghandha kawzi istitwiti kontra taghha.

Minhabba l-mod kif Joseph Pace (missier ir-rikorrenti) kien imexxi n-negozju tieghu u l-kumpannija, spicca dahal fid-dejn inkluz mal-banek tant li bank minnhom mexxa bl-izgumbrament taghhom mill-fond fuq riferit.

Tixhed li hija qatt ma kienet taf li kienet direttur tal-kumpannija.

Tghid ukoll illi *immedjatament malli sirt naf … bghatt lir-Registratur tal-Kumpanniji li jien ma ghandi x`naqsam xejn f`dik il-kumpannija u bdejt proceduri kontra l-kumpannija u l-bank sabiex jigi rikonoxxjut il-kuntratt ta` kera li ghandi fuq dik il-propjeta`.*

Tistqarr li ghalkemm saret taf li kellha ishma fis-socjeta`, qatt ma kienet involuta xejn fit-tmexxija ghaliex kollox kien jitmexxa minn misserha, li ma kien ihalliehom jaghmlu xejn.

Tixhed illi misserha miet u hi ma accettatx il-wirt tieghu.

Tghid li hija kreditrici tal-kumpannija.

## VIII. <u>Ix-xiehda ta` Louis Scicluna</u>

Fis-sostanza, jikkonferma d-deposizzjoni ta` martu.

## IX. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-rikorrenti ghandhom __*locus standi*__ sabiex jippromwovu l-azzjoni skont l-Art 325(4) tal-Kap 386 abbazi tal-konsiderazzjonijiet li gejjin :-

1) Mhux kontestat mill-intimat li r-rikorrenti jikru l-fond Fawwara Bldgs, Flat 6, Triq Guzi Fava, Sliema, minghand Vivienne Limited. Il-kirja taghmel mir-rikorrenti *kredituri* ta` obbligazzjoni *ex contractu* vis-à-vis Vivienne Limited. Dan jaghtihom *locus standi* ghall-fini tas-subartikolu (4).

2) Ir-rikorrenti ghandhom ukoll *locus standi* ghaliex jikkwalifikaw ukoll bhala *persuni aggravati.* Jekk ghandhom titolu, ghandhom kull jedd igibu `l quddiem band`ohra dak it-titolu, haga li ma jkunux jistghu jaghmlu jekk l-isem ta` Vivienne Limited jibqa` mhassar. Il-litigazzjoni tirrizulta.

3) Ir-rikorrenti Vivienne Scicluna hija wkoll *membru* tas-socjeta` de qua kif jirrizulta mill-M. & A. taghha. Ghalhekk Vivienne Scicluna ghandha *locus standi* minn dan il-lat ghalkemm it-talba ghall-fini tas-subartikolu (4) ma saritx ghax hija *membru.* Cio` nonostante ghall-fini tal-procediment tal-lum, il-Qorti sejra taghti piz ghall-fatt illi Vivienne Scicluna hija wkoll *membru.*

Nigu issa ghas-sostanza.

Il-Qorti tghid mill-ewwel illi kif ammess u accettat mill-intimat ma kellu qatt ikun hemm it-thassir tal-isem ghar-ragunijiet diga` spjegati.

Il-Qorti tghid illi ghalkemm l-intimat kellu ragun jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem ghaliex Vivienne Limited thalliet fi stat ta` abbandun u in aperta flagranza tal-obbligi taghha skont il-ligi, fl-istess waqt tirrileva li ladarba l-intimat accetta li kien frott ta` zball li l-isem thassar (ghal ragunijiet diga` senjalati) kellu jiehu hsieb jaggorna l-atti tieghu. L-intimat ma jistax jaghmel zbalji bhal dawn minhabba l-konsegwenzi li zbalji ta` din ix-xorta jgibu maghhom. Il-Qorti taghmel differenza bejn il-motivazzjoni u l-

ezekuzzjoni. Fil-kaz tal-lum, il-motivazzjoni kienet gustifikata, waqt li l-ezekuzzjoni kienet karenti.

Dan premess huwa evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru twieled minn nuqqas flagranti u/jew l-inadempjenzi tas-socjeta`, tramite d-diretturi u/jew il-membri taghha. Ghalhekk Vivienne Scicluna mhix se ssib sostenn mill-Qorti dwar dan l-aspett.

Wara li qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi wassal lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, il-Qorti tghid illi kollox meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Pero` il-Qorti tghid ukoll illi marbut mad-dhul tal-isem mill-gdid fir-Registru, se jkun hemm kondizzjonijiet.

Il-Qorti sejra tipprovdi mod ta` kif is-socjeta` de qua ghandha tigi regolari mal-obbligi taghha ghall-fini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tispjega.

Ir-rikorrenti hija l-akbar azzjonista tas-socjeta`.

Ghandha s-setgha biex tirregolarizza l-posizzjoni tas-socjeta`.

Din il-Qorti mhijiex sejra tippermetti li bl-inseriment mill-gdid tal-isem is-socjeta` tibqa` *qasba tixxejjer mar-rih.*

Vivienne Scicluna taf illum x`hini l-qaghda ta` Vivienne Limited anke jekk qabel *forsi* ma kenitx taf tajjeb bizzejjed. Jibqa` l-fatt illi hija l-azzjonista *di maggoranza* biz-zamma tal-Ordinary B Shares. Ghalhekk ghandha piz x`terfa`.

**Il-Qorti tibqa` tinsisti illi bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji b`ebda mod ma ghandu jiftiehem li jfisser li l-Qorti qeghda taghti *carte blanche* lid-diretturi u lill-azzjonisti tas-socjeta` sabiex jirrepetu dak li qabel m`ghamlux tajjeb u skont il-ligi.**

**Propju xejn minn dan.**

**Il-Qorti sejra tkun attenta ghall-imgieba tas-socjeta` de qua sabiex taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji joqghod jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.**

**Il-Qorti mhijiex sejra taccetta li jkun hemm *sequel* ta` l-inadempjenzi li wasslu ghat-thassir tal-isem. Jekk min ikun responsabbli mis-socjeta` jittenta *sequel* allura ikollu jerfa` l-piz tal-agir u/jew tan-nuqqas.**

**M`ghandu jkollu l-ebda garanzija illi fil-futur il-Qorti sejra terga` tilqa` favorevolment talba ghar-reinseriment tal-isem, fil-kaz li jerga` jkun hemm thassir tal-isem, minhabba inadempjenzi statutorji tas-socjeta` de qua.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi –**

**1) Tordna li l-isem Vivienne Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C16197 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Vivienne Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C16197 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Vivienne Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C16197, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Vivienne Limited (C16197) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jerga` jaghti bidu ghall-procediment tat-thassir ta` Vivienne Limited (C16197) kif previst fl-Art 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jekk sa zmien tnax-il xahar mil-lum, il-kumpannija Vivienne Limited (C16197) ma tkunx irregolarizzat il-posizzjoni taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**5) Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha, b`dan illi l-ispejjez mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Vivienne Limited (C16197) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji ghandhom jithallsu mill-intimat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**